**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1/ 2 / 3 / 4

10 LEĠIŻLATURA - LAQGĦA Nru. 29 TAL-KUNSILL
LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 29 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2026, fil-17.30.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA
Bjorn Bonello – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA 29**

29.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija;
29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- minuti – Laqgħa numru 28;
29.3 Punti mill-minuti;
29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
29.5 Aġġornament dwar l-Awditjar tal-Kontijiet 2025;
29.6 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-parkeġġ ta' taħt l-Iskola Primarja tal-Qawra;
29.7 Diskussjoni u deċiżjoni dwar kuntratti/sejħiet għall-offerti pendenti, għall-evalwazzjoni u/jew skaduti;
29.8 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-vetturi tal-Kunsill;
29.9 Diskussjoni u deċiżjoni dwar għajnuniet għal għaqdiet fil-lokal;
29.10 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-yoga, il-volleyball u attivitajiet sportivi oħra;
29.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;
29.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi;
29.13 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti ;
29.14 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss

**Membri Preżenti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ċensu Galea | *Sindku* | Christopher Vella Petroni | *Viċi Sindku* |
| Raymond Tabone | *Kunsillier* | Sandra Gauci | *Kunsilliera* |
| Joseph M. Attard | *Kunsillier* | Alexandra Smart Costantino | *Kunsilliera* |
| Mary Borg | *Kunsilliera* | Alexander Agius | *Kunsillier* |
| Anne Marie Fenech | *Kunsilliera* | Clevion Micallef | *Kunsillier* |

**29.1 Qari ta' ittri t'apoloġija**

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs u rringrazzja lill-membri kollha preżenti kif ukoll lil dawk li kienu qed isegwu l-laqgħa online. Is-Sindku informa lil membri, li l-Kunsilliera Rachel Williams, Darryl Connor u Alan Bugeja talbu li jkunu skużati mill-laqgħa.

**29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti– Laqgħa Numru 29**

Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 28 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proposta tal-Kunsillier Alexander Agius, issekondata mill- Kunsilliera Sandra Gauci, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**29.3 Punti mill-minuti**

Is- Sindku informa li ma hemm l-ebda punti mill-minuti tal-laqgħa preċedenti.

**29.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Pjazza ta' Buġibba** – Wara l-ftuħ uffiċjali tal-Pjazza ta' Buġibba, tressqet talba lil Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA), lil Infrastructure Malta, u lil kuntrattur dwar kif il-pjazza tista' tintuża u x'tip ta' garanziji għandhom jingħataw minn dawk li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnha għal attivitajiet. Il-kuntrattur għandu ftehim ta' manutenzjoni ta'għal ħames snin u bħalissa qiegħed jivverifika r-responsabbiltajiet tiegħu, kif ukoll it-tip ta' makkinarju li jista' jidħol fil-pjazza. Għad ma ntlaħaqx qbil; madankollu, il-kuntrattur, flimkien ma' Infrastructure Malta, se jippreżenta abbozz dwar l-użu possibbli tal-pjazza u l-garanziji applikabbli.

Intqal ukoll li hemm bżonn jiġi stabbilit x'tip ta' garanziji għandhom jintalbu f'każ ta' xogħol infrastrutturali fuq binjiet fil-pjazza. Fil-passat kienet titħallas garanzija ta' €230, iżda llum din hija meqjusa insuffiċjenti, u għalhekk ser jiġu ppreżentati proposti f'dan l-abbozz.

Infrastructure Malta diġà talbet lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għall-permessi meħtieġa sabiex issir attività relatata ma 'jum il-missier' fil-pjazza, u kien hemm ftehim li kollox ikun bil-miktub, inkluż x'ser jiġi impost fil-pjazza waqt l-attività.

Il-Kunsillier Raymond Tabone irrimarka li hemm bżonn tingħata importanza lill-belvedere, fejn spiss isiru attivitajiet żgħar. Is-Sindku ċċara u kkonferma li l-belvedere jifforma parti mill-pjazza, kif ukoll ix-xogħol kollu li tlesta mill-kuntrattur, jiġifieri Triq Sant Antnin, parti minn Triq ir-Rebbiegħa, parti mill-*front* lejn Triq il-Ħalel, u Triq il-Bajja.

Il-Kunsillier Clevion Micallef issuġġerixxa li l-garanziji għandhom ikunu maqsuma skont il-kobor tal-attivitajiet. Is-Sindku qabel, iżda spjega li qegħdin jistennew il-proposti u d-deċiżjoni tittieħed wara li jaslu u jiġu riveduti.

Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa jekk il-ħinijiet humiex ser ikunu inklużi, u s-Sindku wieġeb li din l-informazzjoni ser tintbagħat lill-membri hekk kif jaslu l-proposti.

Il-Kunsilliera Sandra Gauci irrimarkat fuq il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu fis-seħħ, bħal restrizzjonijiet għall-użu ta' mużika għolja. Il-Kunsilliera Anne Fenech irrimarkat li fis-"soft area" tal-pjazza m'hemmx ilqugħ għall-ħamrija, kif ukoll li m'hemm l-ebda lqugħ mix-xemx. Hemm diskussjonijiet sabiex isir ilqugħ madwar il-ħamrija, iżda dawn ix-xogħlijiet ser isiru mill-kuntrattur li għandu l-kuntratt ta' manutenzjoni għal ħames snin li ġejjin.

**Rikjesta mill-Anzjanità Attiva sabiex ikollhom avveniment fejn jistiednu kantant fi żmien il-festa -** Ma kienx hemm oġġezzjoni

**Talba għal No Objection li jitkomplew ix-xogħolijiet ġewwa x-Xemxija fis-sajf**

Il-Kunsill Lokali rċieva talba mingħand il-BCA dwar Triq is-Simar, fejn hemm siti li għaddejjin xogħlijiet fihom. Il-BCA qed jistaqsu lill-Kunsill dwar l-idea tagħhom, hekk kif l-iżviluppaturi talbu eżenzjoni sabiex ix-xogħol ta' skavar ikompli fis-sajf bejn id-9 ta' filgħodu u s-7 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillier Clevion Micallef issuġġerixxa li r-residenti għandhom jiġu infurmati. Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech, bħala ukoll residenta mix-Xemxija, qablet li r-residenti għandhom jiġu infurmati u esprimiet li ma taqbilx li x-xogħlijiet ikomplu fis-sajf. Hija rrimarkat li l-istess regoli li japplikaw madwar Malta – li ma jsirux xogħlijiet fix-xhur tas-sajf – għandhom japplikaw ukoll għax-Xemxija.

Is-Sindku ċċara li s-sit li waqa' ftit ilu u d-diskussjoni tal-lum huma siti differenti. Huwa spjega li l-kwistjoni tinsab fuq il-mejda sabiex tittieħed deċiżjoni bħala Kunsill, kemm għall-preżent kif ukoll għall-futur, f'każ li jinqalgħu problemi jew diffikultajiet. Is-Sindku esprima li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li l-BCA jiġu infurmati li l-Kunsill ma jaqbilx ma' din l-proposta.

Il-Kunsilliera Anne Fenech proponiet li jiġi ingaġġat espert permezz ta' direct order sabiex jiddikjara jekk hemmx periklu li s-sit inkwistjoni jista' jċedi.

Wara talba mill-Kunsillier Clevion Micallef, is-Sindku qara l-korrispondenza li ntbagħtet mill-BCA.

Il-Kunsillier Alex Agius irrimarka li ma jarax li għandha tingħata din il-konċezzjoni, ladarba f'postijiet oħra jimxu mal-liġi u ma jaħdmux fis-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li jintalbu r-reports ġeotekniċi u r-risk assessment reports minħabba li dan il-każ huwa differenti minn oħrajn. Il-Kunsillier Raymond Tabone issuġġerixxa li tintalab ukoll estensjoni sabiex l-informazzjoni tasal qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Is-Segretarju fakkar li l-BCA huma l-awtorità kompetenti u huma ser jiddeċiedu, irrelevanti mill-pożizzjoni tal-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku Ċensu Galea, sekondata mill-Kunsillier Alex Agius, il-Kunsill ser jesprimi l-pożizzjoni tiegħu li ma jaqbilx li x-xogħlijiet jitkomplew fis-sajf, u ser jintalbu r-rapporti li mbagħad jiġu ċċirkolati lill-membri. Il-Kunsillier Raymond Tabone talab li jittieħed vot.

Il-Kunsilliera Alex Agius, Sandra Smart Cosantino, Sandra Gauci, Anne Fenech, Chris Vella Petroni flimkien mas-Sindku Ċensu Galea kienu favur li x-xogħlijiet ma jitkomplewx fis-sajf u li tintalab aktar informazzjoni.

Il-Kunsilliera Mary Borg, Joseph Matthew Attard u Clevion Micallef astjenew mill-vot minħabba li qegħdin jitolbu aktar informazzjoni.

Il-Kunsillier Raymond Tabone vvota kontra l-proposta.

## 29.5 Aġġornament dwar l Awditjar tal Kontijiet 2025

L-Accountant ġie mistieden jingħaqad mal-mejda sabiex jippreżenta r-rendikont u jispjega l-Financial Statements tas-sena 2025. Huwa spjega li, għalkemm l-awditjar dam madwar tliet xhur, huwa sodisfatt bir-riżultati. Kien hemm biss aġġustament wieħed relatat ma' żball fid-data (*typing error*) fuq il-kuntratt tal-kirja tal-binja fejn jinsab il-Kunsill Lokali, fejn l-interpretazzjoni tal-Accountant u dik tal-awdituri kienet differenti.

L-Accountant kompla jispjega l-figuri ppreżentati fil-Financial Statements. Huwa rrimarka li għad hemm kontijiet mibgħuta minn Infrastructure Malta li nżammu pendenti, fejn il-Kunsill ġie mitlub iħallas madwar €96,000 għal xogħol li qatt ma kien rikjest mill-Kunsill, u għalhekk ma teżisti l-ebda obbligazzjoni li dawn il-kontijiet jitħallsu. L-Accountant ikkomunika mal-awdituri u huma nnotaw din l-informazzjoni, iżda ma nformawhx jekk dawn l-ammonti humiex ser jinkluduhom fir-rapport jew le. Is-Sindku spjega lill-membri li dawn il-kontijiet huma relatati max-xogħlijiet infrastrutturali ta' Triq Bordino, Triq il-Ġwiebi u Triq Korp tal-Pijunieri.

L-Accountant kompla jispjega li r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena għadu ma ġiex ippreżentat minħabba li, fuq talba mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, qed issir transazzjoni estensiva tad-data minħabba l-ammont ta' informazzjoni miġbura tul ħafna snin. L-Accountant qed jaspira li sal-aħħar tat-tieni kwart tas-sena, iż-żewġ rapporti jkunu lesti għall-preżentazzjoni.

Is-Segretarju, is-Sindku u l-membri rringrazzjaw lill-Accountant tal-attendenza u l-preżentazzjoni tiegħu.

## 29.6 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-parkeġġ taħt l-Iskola Primarja tal-Qawra

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv introduċew lill-membri għad-diskussjoni rigward il-parkeġġ inkwistjoni, fosthom il-kwistjoni li jitpoġġew barriers minħabba li l-parkeġġ ikun mimli, numru ta' argumenti u ħsarat wara ġlied li seħħ fil-parkeġġ stess, kif ukoll inċident fejn karozza baqgħet dieħla fil-xatba ta' barra — każ li għadu qed jiġi riżolut mill-assigurazzjoni. Intqal ukoll li qed isiru bosta abbużi, kif ukoll li l-kameras preżenti huma tal-proprjetà tal-iskola, iżda l-iskola kienet għamlitha ċara sa mill-bidu tal-operat li ma tridx tassoċja ruħha mal-kameras tal-parkeġġ.

Saret talba għal kwotazzjonijiet sabiex jitpoġġew cameras ġewwa l-parkeġġ li jkunu aċċessibbli mill-Kunsill Lokali, minħabba li l-kameras tal-iskola ser jitneħħew u jitpoġġew f'lokazzjoni oħra.

Is-Segretarju spjega li dawn il-kameras mhux ser jintużaw biss għas-sorveljanza, iżda wkoll biex tinġabar aktar informazzjoni u jsiru studji, bħall-ħinijiet meta l-parkeġġ ikun l-aktar użat, ir-reġistrazzjoni tal-vetturi deħlin u ħerġin minflok tittieħed informazzjoni fuq pitazz. Dan kollu bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi li bħalissa qed iseħħu.

Il-Kunsill għandu spiża annwali ta' madwar €25,000 f'pagi u madwar €75,000 għall-kuntrattur. Is-Segretarju avviċina lill-kuntrattur u talab stima ta' kemm tiswa jekk il-kuntrattur jieħu r-responsabbiltà għaż-żamma tal-parkeġġ kollu, u b'hekk jitnaqqas il-ħaddiem provdut mill-Kunsill għall-parkeġġ. L-istima li ntbagħtet tindika li l-Kunsill jista' jiffranka bejn €8,000 u €11,000 fis-sena, u l-ħaddiem tal-Kunsill ikun jista' jagħmel xogħol produttiv ieħor mal-Kunsill.

Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku Ċensu Galea, sekondata mill-Kunsillier Alex Agius, kien hemm qbil unanimu li ssir din il-bidla u l-immaniġġjar tal-parkeġġ jgħaddi kollu f'idejn il-kuntrattur.

Il-Kunsillier Raymond Tabone issuġġerixxa li tinħareġ *Espressjoni ta' Interess* sabiex jiġi mistieden is-settur privat jissottometti siti għall-iżvilupp bħala parkeġġi. F'dan l-istadju, is-Sindku talab lill-Kunsillier Tabone u lil oħrajn biex jipproponu siti għal tali żvilupp.

**29.7 Diskussjoni u deċiżjoni dwar kuntratti/sejħiet għall-offerti pendenti, għall-evalwazzjoni u/jew skaduti**

Is-Segretarju informa lill-membri li bħalissa l-Kunsill għandu l-kuntratt tal-Perit u tal-Contracts Manager skaduti. Il-Contracts Manager, li għadu jwettaq ix-xogħol għall-Kunsill, ġie mgħarraf li s-servizz tiegħu ser jiġi formalment itterminat fit-30 ta' Ġunju 2026, u x-xogħol tiegħu ser jibda jsir internament mis-Supervisor li bħalissa huwa impjegat mal-Kunsill, u li xorta waħda kien qed iwettaq dan ix-xogħol minħabba nuqqas ta' rispons immedjat mill-Contracts Manager. B'din il-bidla, il-Kunsill ser jiffranka somma ta flus konsiderevoli fix-xahar, ladarba x-xogħlijiet ikunu xorta qed isiru minn nies impjegati direttament mill-Kunsill.

Is-Sindku rrimarka li eventwalment il-Kunsill xorta ser ikollu bżonn Contracts Manager, iżda sakemm tinħareġ it-tender, din hija l-proposta li qed tiġi ssuġġerita. Fuq proposta tal-Kunsillier Chris Vella Petroni, sekondata mill-Kunsillier Alex Agius, il-membri qablu b'mod unanimu ma' din il-proposta.

Rigward is-servizzi tal-Perit, is-Segretarju Eżekuttiv talab lid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jingħata t-taħriġ neċessarju biex ikun jista' jiġi pproċessat tender għal servizzi ta' Perit ġdid u għall -tenders oħra.

**29.8 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-vetturi tal-Kunsill**

Qiegħda tiġi proposta li l-vetturi kollha tal-Kunsill jiġu mgħammra b'tracking devices. Is-Segretarju talab kwotazzjonijiet sabiex dan it-tagħmir jiġi installat fuq il-ħames vetturi li huma uzati mill-Kunsill. Dawn is-sistemi barra mit-tracking system ser jipprovdu ukoll informazzjoni dwar min ikun qed isuq il-vettura, il-konsum tal-fuel, fost oħrajn. Il-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet u s-Segretarju ser jivverifika liema hija l-aktar vantaġġuża. Apparti l-ispiża ta' installazzjoni, l-ispiża annwali ser tammonta għal madwar €500 għal ħames vetturi.

Il-Kunsillier Clevion Micallef staqsa min ser ikollu aċċess għal din l-informazzjoni u fejn ser tiġi installata. Is-Segretarju kkonferma li s-sistema ser tiġi installata fl-uffiċċju tal-Kunsill u li hu ser ikollu aċċess għaliha, ladarba l-vetturi huma rreġistrati fuq ismu.

Il-Kunsilliera Anne Fenech talbet informazzjoni dwar il-vettura li tinsab għand il-panel beater. Din bħalissa hija sostitwita temporanjament b'karozza tal-kiri Peugeot.

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ser ikun qed juża l-vettura Nissan Leaf sabiex jiffaċilita aktar l-ispezzjonijiet li qed iwettaq madwar il-lokalità.

**29.9 Diskussjoni u deċiżjoni dwar għajnuniet għal għaqdiet fil-lokal**

Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie mitlub jagħti għajnuna finanzjarja lill-każin tal-Banda sabiex tiġi organizzata ikla għall-komunità. Wara li ntalbet tintbagħat l-informazzjoni meħtieġa, kien hemm qbil li din l-għajnuna tingħata flimkien mal-ħlas tal-uffiċjali pubbliċi.

**29.10 Diskussjoni u deċiżjoni dwar il-yoga, il-volleyball u attivitajiet sportivi oħra**

Ser terġa ssir diskussjoni mas-Sur Piscopo, il-president tal-Bognor fejn isir il-volleyball, sabiex nippruvaw nerġgħu nintroduċu l-logħob tal-volleyball u possibbilment jiżdiedu aktar attivitajiet/tipi ta' sport oħra. Il-Kunsill qed jiffaċċja diffikultà minħabba li ma jistax isib

coaches disponibbli biex iwettqu dawn l-attivitajiet. F'każ li ma jkunx hemm coach disponibbli, l-attivitajiet permessi jistgħu jsiru biss għall-adulti 'l fuq minn 18-il sena.

Is-Segretarju spjega li hemm madwar 50 persuna interessata fl-attività tal-Yoga li tista' tiġi offruta is-Sibt filgħodu, iżda l-Kunsill qed isib diffikultà bl-instructor li offriet is-servizzi tagħha b'xejn. Minħabba li m'għandhiex trasport, hija qed titlob trasport minn St Venera u lura. Minħabba li m'hemmx monitoraġġ tal-ispejjeż, ma jistax jiġi stabbilit budget propost u ma tistax tiġi garantita konsistenza tas-sessjonijiet.

**29.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsilliera Sandra Gauci staqsiet jekk il-Kunsill hux ser jieħu pożizzjoni għall-komunità rigward l-isplużjoni tal-kamra tan-nar li seħħet fis-Salini fl-1 ta' Ġunju 2026. Is-Segretarju ser jitlob l-informazzjoni meħtieġa rigward il-passi li għandhom jittieħdu sabiex, b'informazzjoni korretta, il-Kunsill ikun jista' jgħin lill-komunità f'każ li jkollhom xi mistoqsijiet relatati jew jekk ikunu ġarrbu xi ħsarat.

Il-Kunsillier Joseph Matthew Attard talab li jinqara l-messaġġ li bagħat lis-Segretarju Eżekuttiv rigward l-emblema tal-Kunsill li dehret fuq avviż fuq il-midja soċjali dwar attività ta' St Monica Ensemble Orchestra, u għala din il-parteċipazzjoni qatt ma ġiet diskussa bejn il-membri.

Is-Segretarju spjega li wara li l-organizzaturi avviċinaw lir-Reġjun sabiex jitolbu għajnuna loġistika, ir-Reġjun aċċetta li jagħti din l-għajnuna, minħabba f'hekk intalab il-logo tar-Reġjun kif ukoll il-logo ta' San Pawl il-Baħar sempliċiment minħabba li l-attività ser issir fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar. Il-Kunsill ma ta' l-ebda kontribuzzjoni għal din l-attività.

**29.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta'oġġetti/servizzi**

Il-Kunsill ser jagħti l-għajnuna tiegħu billi jħallas €5 għal kull anzjan li jipparteċipa fil-ħarġa kulturali li jmiss. Id-dettalji dwar din il-ħarġa ser jingħataw aktar 'il quddiem sabiex isiru l-arranġamenti loġistiċi neċessarji.

**29.13 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti.

L-iskeda ppreżentata ġiet approvata fuq proposta tal- Kunsillier Alexander Agius, issekondata mill- Kunsilliera s-Sinjura Anne Marie Fenech, bi qbil unanimu mill-kumplament tal-membri.

**29.14 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Qabel l-aġġornament tal-laqgħa, is-Sindku informa lill-membri li rċieva komunikazzjoni mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn ġie spjegat li, minħabba xogħlijiet estensivi ta' proġetti ġewwa r-Reġjun, ser ikollu jtemm is-servizz tiegħu bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. L-aħħar laqgħa tiegħu ser tkun dik ta' Awwissu. L-Aġent informa wkoll li ser ikun disponibbli, sabiex tingħata *handover* ta' kwalità lil min ser jieħu l-pożizzjoni warajh.

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-20.00 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2026 fil-17.30.

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**
**Bjorn Bonello**

**Sindku**
**Ċensu Galea**